ĦAL QORMI
Citta' Pinto

**KUNSILL LOKALI TA' ĦAL QORMI (Città Pinto) IS-SITT KUNSILL**

**MINUTI SEDUTA NRU. 10 IT-TNEJN 03 TA' DIĊEMBRU 2012**

Il-Kunsill Lokali ltaqa' nhar it-Tnejn 03 ta' Diċembru 2012 fis-6.30 ta' filgħaxija fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill. Il-laqgħa bdiet fis-6.45 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI (Disa' Kunsilliera)**

Rosianne Cutajar, Jesmond Aquilina, Ralph Puli, Bjorn Azzopardi, Jason Busuttil, Robert Cremona, Jerome Caruana Cilia (fis-7.00), Charles Farrugia, Antoine Saliba u Sean Meli (fis-7.00).

Il-Kunsilliera Robert Cremona u Margaret Mercieca kienu skużati.

**TALBA**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** qalet it-talba.

**10/01 MINUTI TAS-SEDUTA NRU. 09**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** ressqet għall-approvazzjoni tal-Kunsill il-Minuti tas-Seduta Nru. 09 li nżammet nhar it-Tnejn 12 ta' Novembru 2012, minuti li kienu ċċirkulati u li ttieħdu bħala moqrija.

**Il-Viċi-Sindku Jesmond Aquilina** issekonda l-mozzjoni.

**Ivvutaw Favur Sebgha Kunsilliera (07) preżenti**. Ħadd ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda Astensjoni.

**Il-Minuti tas-Seduta numru 09 ġew approvati unanimament** u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

**10/02 MILL-MINUTI / KOMUNIKAZZJONIJIET MIS-SINDKU**

**10/02/01** Is-Sindku infurmat lill-Kunsill dwar laqgħa li saret ma' Transport Malta dwar l-iskema ta' Parkeġġ Residenzjali ikkontrollat bil-ħin fi Triq is-

Sebħ. Il-Kunsill qabel li din l-iskema tidħol fis-seħħ bi prova f'30% tal-parkeġġ Triq is-Sebħ (quddiem il-*Flamingo* u quddiem il-*Crosscraft*) u fi Triq il-Kanun, fejn l-ħinijiet applikabbli huma dawn :

*90 minutes timed parking - No return within one hour*
*Mon-Fri 0900-1200; 1600-1900; Sat 0900-1200.*

**10/02/02** **Is-Sindku** infurmat li l-MEPA approvat li x-xogħol ta' rinnoviment fil-bandli ta' De La Cruz, Tumas Fenech u Gnien Federico Maempel, jkunu ffinanzjati mill-*Urban Improvement Fund*. Il-Kunsill approva l-kuntratt sabiex jigi iffirmat mis-Sindku u s-Segretarju Ezekuttiv.

**DOK 'A'**

**10/02/03** **Il-Kunsilliera Jerome Caruana Cilia u Sean Meli attendew għal-laqgħa fis-07.00pm**.

**10/02/04** **Is-Sindku Rosianne Cutajar** infurmat lill-Kunsill li tlesta x-xogħol fil-libreriji fejn ġew installati żewġ kompjuters ġodda, iddaħħal il-WIFI u inxtraw numru ta' kotba skont kif provduti mill-Iskema tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali. Ser jinxtara *DVD player* għal-librerija Reġjonali sabiex ikun jistgħu isiru *story-telling* awdo-viżwali.

**10/02/05** **Is-Sindku Rosianne Cutajar** infurmat lill-Kunsill li f'laqgħa li attendiet flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv u l-Viċi-Sindku dwar il-proġett minn fondi ewropej dwar it-taħriġ fil-piroteknika, il-Kunsill ġie aġġornat dwar is-sitwazzjoni ta' dan il-proġett, fejn riċentament il-Kunsill ġie infurmat li l-proġett ser jitkompla minkejja li kien hemm riskju li seta' jieqaf.

**10/02/06** **Is-Sindku Rosianne Cutajar** infurmat lill-kunsilliera li l-Kunsill ser jorganizza Ikla fl-okkażjoni tal-Milied li għalih huma mistiedna l-kunsilliera, l-istaff u mpjegati tal-Kunsill skont Memo 122/2010 u 08/2011 li tistipula li s-somma allokata għandha tkun ta' mhux aktar minn Eur30 għal kull persuna.

**10/02/07** **Is-Sindku Rosianne Cutajar** infurmat lill-Kunsill li wara li rċevejna ilmenti mingħand xi residenti li kienu tal-fehma li x-xogħol fuq l-istatwi ma jibdiex minħabba li tista' ssirilhom aktar ħsara għaliex il-ġebla tagħhom laħqet ixxarbet, hija qed tistenna l-parir tal-perit tal-Kunsill dwar jekk għandux jibda x-xogħol issa, li min-naħa tiegħu ser jieħu *second opinion* mingħand speċjalista fil-qasam.

**10/02/08** **Is-Sindku Rosianne Cutajar** infurmat lill-Kunsill li f'laqgħa li kellha ma' Qormi Football Club, fil-kumpanija tas-Segretarju Eżekuttiv, ġiet infurmata bi proġett ta' bini ta' kumpless fiz-zona ta' fejn hemm il-football pitch 5-a-side fi Triq Belt Valletta. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni għal dan il-proġett sakemm jiġi kkonservat l-investiment li għamel il-Kunsill f'dan il-piċċ.

**10/03 MISTOQSIJIET LIS-SINDKU**

**10/03/01** **Il-Vici-Sindku Jesmond Aquilina** staqsa lis-Sindku dwar x'kuntratti hemm li ser jiskadu fl-ewwel erba' xhur tas-sena u jekk dawn hux se jerġgħu jinħarġu. **Is-Sindku Rosianne Cutajar** wieġbet li hemm il-kuntratti tat-Tindif u Knis li ser jiġu ppubblikati fl-ewwel ġimgħat ta' Jannar, filwaqt li fir-rigward tal-kuntratt tal-Contract Manager li ser jagħlaq fil-15 ta' April 2013, għad trid isir evalwazzjoni meta jsir l-estimi annwali għas-sena d-dieħla u dan minħabba li l-limitazzjonijiet finanzjarji.

**10/03/02** **Il-Vici-Sindku Jesmond Aquilina** staqsa lis-Sindku dwar għalfejn mhux ser issir Konferenza Stampa dwar ix-xogħol li sar fil-Libreriji. **Is-Sindku Rosianne Cutajar** wieġbet għaliex hija tħoss li l-libreriji mhumiex fi stat li tista' tinġieb il-media. Għaldaqstant ġie deċiż biex fil-kamra fejn tpoġġew il-kompjuters isir xi tibjid u tisbieħ ieħor qabel ma tissejjaħ Konferenza Stampa.

**10/03/03** **Il-Kunsillier Ralph Puli** staqsa lis-Sindku jekk teżistix xi *policy* dwar sejħiet ta' *Press Calls*, u dan peress li f'korrispondenza li għaddiet bejn il-Kunsilliera, ingħata x'jifhem li kienet ser issir xi Konferenza Stampa mingħajr ma kienet taf is-Sindku. Is-Sindku Rosianne Cutajar spjegat li *Press Calls* jissejħu mis-Sindku u jiġi ċċirkolati lill-Kunsilliera.

**10/04 PAGAMENTI GĦAX-XAHAR TA' NOVEMBRU 2012**

**Is-Sindku** ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill il-lista ta' pagamenti għax-xahar ta' Ottubru 2012, dokumenti li kienu ċċirkulati u li ttieħdu bħala moqrija u wara pproponiet l-approvazzjoni tal-pagamenti. **DOK 'B1-3'**

**a)** Pagamenti li għad iridu jsiru għax-xahar ta' Novembru 2012
**b)** *Bank Payments* Novembru 2012
**c)** *Petty Cash* Novembru 2012

Saret spjega tal-pagamenti mressqa u wara s-Sindku pproponiet l-approvazzjoni tal-pagamenti kollha.

**Il-Vici-Sindku Jesmond Aquilina** ssekonda.

**Ivvutaw Favur Disa'** Kunsilliera (09) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Kunsill unanimament approva** l-pagamenti kollha.

**10/05 MOZZJONIJIET**

**10/05/01 MOZZJONI NRU 50/2012(VI)**

**Il-Kunsillier Antoine Saliba Haig** ressaq il-mozzjoni Nru 50/2012 (VI).

*"Peress li l-Kunsill Lokali dejjem ħaseb sabiex jagħti l-għajnuna kollha lill-għaqdiet sportivi, kif ukoll jkun kommess sabiex indaħħlu valuri sportivi fiż-żgħażagħ tagħna nipproponi li l-Kunsill jixtri apparat li jintuża ġewwa (indoor) sabiex dan jkun użat f' attivitajiet sportivi li jorganizza il-Kunsill Lokali Ħal Qormi flimkien mal-Qormi Clay Shooting Club bil-għan li iktar żgħażagħ jerqsu lejn dan l-isport. "*

Fid-diskussjoni ta' din il-mozzjoni, il-Viċi-Sindku Jesmond Aquilina xtaq jirrimarka li fis-sitwazzjoni finanzjarja li ssemmiet mis-Sindku preċedentament, il-Kunsill irid joqgħod attent u jħoss li din hija spiża mhux neċessarja. Il-Kunsillier Sean Meli semma li bħalma jieħdu għaqdiet sportivi oħrajn, fosthom anke fejn hemm għaqda li għad trid tħallas tal-kirja tal-gabbana, jaqbel li l-Kunsill għandu jgħin f'din l-inizjattiva. Il-Viċi-Sindku Jesmond Aquilina spjega li l-Kunsill jgħin lil dawk l-għaqdiet li għandhom nursery filwaqt li fir-rigward tal-kirja tal-gabbana il-ħlas tagħha għandu jsir ukoll.

Fid-dawl ta' din id-diskussjoni **l-Kunsillier Antoine Saliba Haig** għamel din l-addenda mal-mozzjoni :-

*"Il-Kunsill għandu joħroġ sejħa għall-kwotazzjonijiet biex jinxtara dan l-apparat u għandu jerġa' jiddiskuti jekk jixtrix dan l-apparat skont il-prezzijiet ikkwotati."*

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** ssekondat din il-mozzjoni bl-addenda msemmija hawn fuq.

**Ivvutaw Favur id-Disa' (09) Kunsilliera preżenti**. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Kunsill unanimament approva din il-Mozzjoni 50/2012 (VI) kif emendata.**

**10/05/02 Il-Kunsillier Sean Meli talab li jkun skużat mil-laqgħa.**

**10/05/03 MOZZJONI NRU 51/2012(VI)**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** ressqet mozzjoni Nru 51/2012(VI)

Fir-rigward tal-ħruġ tal-offerti tal-proġett iffinanzjat mill-Unjoni Ewropea, nipproponi sabiex il-Bordijiet tal-Aġġudikazzjoni jkunu ffurmati kif ġej:-

**Offerta: *Embellishment* tal-pjazza quddiem il-Kappella tal-Madonna tal-Ħlas**

Chairperson: Rosianne Cutajar (Sindku)

Deputy Chairperson: Jesmond Aquilina (Vici-Sindku)

Membri: Perit William Lewis, Kunsilliera Ralph Puli, Charles Farrugia u Jason Busuttil

Segretarju : Segretarju Eżekuttiv Kenneth Brincat

**Offerta: Rehabilitation of Playing Field f'Tal-Blat**

Chairperson: Rosianne Cutajar (Sindku)

Deputy Chairperson: Jesmond Aquilina (Vici-Sindku)

Membri: Perit William Lewis, Kunsilliera Ralph Puli, Charles Farrugia u Jason Busuttil

Segretarju : Segretarju Eżekuttiv Kenneth Brincat

**Offerta: Manutenzjoni tal-Ħitan tas-sejjieħ u tal-passaġġi**

Chairperson: Rosianne Cutajar

Deputy Chairperson: Jesmond Aquilina

Membri: Kunsilliera Ralph Puli, Charles Farrugia u Jason Busuttil u perit li l-Kunsill ghad irid jiddeciedi wara li jkunu mitfugha l-offerti biex l-perit maghzul ma jkollhux konflitti ta' interess ma' xi wahda mill-kumpaniji li jitfghu l-offerta.

Segretarju : Segretarju Eżekuttiv Kenneth Brincat

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** ssekondat din il-mozzjoni bl-addenda msemmija hawn fuq.

**Ivvutaw Favur it-Tmien (08) Kunsilliera preżenti.** Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Kunsill unanimament approva din il-Mozzjoni 51/2012 (VI).**

**10/05/04** **Il-Kunsillier Charles Farrugia talab li jkun skużat mil-laqgħa.**

**09/06 RAPPORTI**

**09/06/01 SEJĦA TA' OFFERTI: – SUPPLY, INSTALLATION AND COMMISSIONING OF CCTV AT GNIEN FEDERICO MAEMPEL**

**Is-Segretarju Eżekuttiv Kenneth Brincat** ressaq ir-rapport tal-Bord tal-Aġġudikazzjoni dwar din l-offerta :-

Is-sejħa għall-kwotazzjonijiet dehret fil-ħarġa tal-Gazzetta tal-Gvern tal-2 ta' Ottubru 2012, kif ukoll fil-Gazzetta Lokali ta' nhar l-Erbgħa 3 ta' Ottubru, liema sejħa għalqet nhar il-Ġimgħa, 2 ta' Novembru fl-12.00pm.

Il-Kaxxa tal-kwotazzjonijiet infetħet fit-2 ta' Novembru 2012 ta' Gunju 2012, mis-Segretarju Eżekuttiv Kenneth Brincat, fil-preżenza tas-Sindku Rosianne Cutajar, u l-kunsilliera Sean Meli u Charles Farrugia.

Għal din is-sejħa, l-Kunsill irċieva zewg (2) offerti;

| | | |
|---|---|---|
| 1. | Alberta Fire and Security Ltd | Eur5,725.47 |
| 2. | Solar Engineering Ltd | Eur4,637.40 (option 1)<br>Eur4,159.50 (option 2) |

Is-Segretarju Ezekuttiv K. Brincat li ż-żewġ offerti huma validi peress li t-tieni ppreżentaw d-dokumenti mitluba fl-offerta.

Il-Kunsill qabbad lill-Kunsillier Jason Busuttil li huwa espert fil-materja li rrakkomanda dan li ġej:-.

1. Minkejja li l-offerta tal-kuntrattur Alberta Fire and Security Ltd toffri cameras ta' kwalita' ftit aħjar minħabba li għandhom lentijiet u luminaires aktar effiċjenti minn tat-tieni offerent, din id-differenza ma tiġġustifikax id-differenza fil-prezz u għaldaqstant, nirrakkomanda li tintgħażel l-orħos offerta ta' Solar Engineering Group.

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** ressqet mozzjoni biex tintagħzel l-orħos kwotazzjoni kif irrakomandat mill-Bord tal-Aġġudikazzjoni.

**Il-Kunsillier Jason Busuttil** issekonda l-mozzjoni.

**Ivvutaw Favur is-Seba' (07) Kunsilliera**. Ħadd (0) ivvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Kunsill approva din il-Mozzjoni u għaldaqstant il-Kunsill għandu joħroġ l-ittra ta' aċċettazzjoni lill-kuntrattur, Solar Engineering Group.**

**10/06/02 SEJĦIET TA' KWOTAZZJONIJIET: – SERVIZZ MINN YOUTH NURSERIES**

**Is-Segretarju Eżekuttiv Kenneth Brincat** ressaq ir-Rapport ta' Aggudikazzjoni ppreparat mill-Kumitat tal-Ghazla :-
Is-sejħa għall-kwotazzjonijiet dehret fil-ħarġa tal-Gazzetta tal-Gvern ta' nhar Ġimgħa 28 ta' Awwissu 2012 u l-Ġimgħa 20 ta' Settembru (estenzjoni), kif ukoll fil-Gazzetta Lokali ta' nhar l-Erbgħa 29 ta' Awwissu, liema sejħa għalqet nhar il-Erbgħa, 5 ta' Ottubru 2012 fl-12.00pm.

Il-Kaxxa tat-Tenders infetħet fil-5 ta' Ottubru 2012, mis-Segretarju Eżekuttiv Kenneth Brincat, fil-preżenza tal-Kunsillier Ralph Puli u tal-Kunsillier Charles Farrugia.

Għal din is-sejħa, l-Kunsill irċieva tliet (4) kwotazzjonijiet;

| | | |
|---|---|---|
| 1. | Qormi FC Youth Nursery | € 6,000<br>€1,600 |
| 2. | Qormi Phoenix Basketball Club | € 600<br>€ 600 |
| 3. | Qormi Hockey Club | € 900<br>€ 300 |
| 4. | Qormi Volleyball Club | € 600<br>€ 600 |

Il-Bord, kompost mis-Sindku Rosianne Cutajar, mill-Viċi Sindku Jesmond Aquilina, u mill-Kunsilliera Antoine Saliba u Margaret Mercieca, ltaqa' biex jiddiskuti dawn l-kwotazzjonijiet.

Fl-offerti fuq elenkati il-Bord ikkonferma li l-erba' offerti huma konformi mal-kundizzjonijiet u rekweżiti skont kif elenkati fis-sejħa.

Il-Bord jirrakkomanda biex jiġu magħżula it-tlett kwotazzjonijiet ipprovduti minn *Qormi Phoenix Basketball Club*, *Qormi Hockey Club* u *Qormi Volleyball Club* sabiex jagħtu servizz għal żewġ attivitajiet sportivi fis-sena li t-total jitla' għal Eur1,200 fis-sena għal kull għaqda. Il-Bord irrakkomanda wkoll li tintgħazel attivita' waħda biss mit-tnejn offerti mill-*Qormi FC Youth Nursery*, għas-servizz ta' *Summer School* li l-prezz huwa ta' Eur1,600 fis-sena. Il-Bord irrakomanda li dawn jingħataw b'kuntratt għal sena li jista' jiġi mġedded biex l-attivitajiet/servizzi jingħataw għal massimu ta' tlett snin."

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** ressqet mozzjoni il-Kunsill japprova r-rakkomandazzjoni tal-Bord fejn "jiġu magħżula it-tlett kwotazzjonijiet ipprovduti minn *Qormi Phoenix Basketball Club*, *Qormi Hockey Club* u *Qormi Volleyball Club* sabiex jagħtu servizz għal żewġ attivitajiet

sportivi fis-sena li t-total jitla' ghal Eur1,200 fis-sena għal kull għaqda"; u "tintgħażel attivita' waħda biss mit-tnejn offerti mill-*Qormi FC Youth Nursery*, għas-servizz ta' *Summer School* li l-prezz huwa ta' Eur1,600 fis-sena." "Dawn jingħataw b'kuntratt għal sena li jista' jiġi mġedded biex l-attivitajiet/servizzi jingħataw għal massimu ta' tlett snin".

**Il-Kunsillier Antoine Saliba Haig** issekonda l-mozzjoni.

**Ivvutaw Favur Seba' (07) Kunsilliera**. Ħadd (0) ivvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Kunsill approva din il-Mozzjoni.**

**10/06/03 KUNTRATT TAL-WIFI MAL-MITA**

**Is-Segretarju Eżekuttiv Kenneth Brincat** ressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill, it-tiġdid tal-kuntratt li l-Kunsill għandu mal-MITA għas-servizz ta' WIFI fi Ġnien De La Cruz u Ġnien Federico Maempel. Il-Kunsill approva nem.con **DOK 'C'**

**10/06/04 QUARTERLY FINANCIAL REPORTS – 30TH SEPTEMBER 2012**

**Is-Segretarju Eżekuttiv Kenneth Brincat** ressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill, il-*Quarterly Financial Performance Report* u l-*Financial Situtaion Indicator Report* sal-aħħar ta' Settembru 2012. Il-Kunsill approva *nem.con*.

**DOK 'D'**

**10/06/05 REGOLAMENTI GHALL-KONKORS GHALL-MONUMENT TAL-ISPORTS**

**Is-Segretarju Eżekuttiv Kenneth Brincat** ressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill, ir-regolamenti ghall-konkors ghall-monument tal-isports. Il-Kunsill approva nem.con u għaldaqstant għandha toħroġ sejħa għal dan il-konkors. **DOK 'E'**

**10/06/06 SKEMA TA' INIZJATTIVI SPEĊJALI**

Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta Memo 45/2012 fejn il-Kunsill qabel li jissottometti tlett applikazzjonijiet :
*Restawr tal-Mitħna*
*It-tfal għożża għalina lkoll.. naħdmu għal ġid ta' wliedna*
*Nippromwovu lil Ħal Qormi bħala destinazzjoni Turistika.*

**10/07 KORRISPONDENZA**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill din il-korrispondenza dwar: **DOK 'F 1-6'**

1. Ittra mill-Kumitat Festi Esterni San Gorg Martri dwar il-qbil tagħhom li l-Kunsill japplika għall-fondi taħt l-iskema ta' Inizjattivi Speċjali għar-Restawr tal-Mitħna kif spjegat f'10/06/06.

2. Ittra mis-Sur Carmel Mallia dwar proposta biex il-lirika tal-kantata tkun immużikata minn banda lokali. Il-Kunsill ħa nota iżda l-Kunsill diġa għandu l-mużika ikkuntrattjata mal-baned.

3. Ittra mingħand Għaqda Mużikali San Ġorġ Martri sabiex il-kunċert (skont il-kuntratt li l-Kunsill għandu mal-baned) isir fis-16 ta' Frar 2013 ġewwa s-Sala Sir Temi Zammit. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

4. Ittra mingħand Għaqda Mużikali San Ġorġ Martri sabiex il-Kunsill jagħmel dwal fil-bankina ta' Triq il-Kbira, viċin il-każin tagħhom, il-Kunsill iddeċieda biex f'dan l-istadju ma jilqax it-talba minħabba limitazzjonijiet finanzjarji.

5. Ittra minn Transport Malta bil-proposta biex il-*pedestrian crossing* li hemm fi Triq San Bastjan issir bil-*Pelican Lights*. Il-Kunsill approva nem.con u għandu jinforma lit-Transport Malta dwar din id-deċizjoni biex jieħdu ħsieb li jagħmlu din il-pelican lights.

6. Ittra mingħand *Child Care Centre* governattiv "Tbissima" għall-*Bin on wheels* li jitpoġġa ħdejn l-Iskola Primarja San Ġorġ. Il-Kunsill approva *nem.con*. Is-Sindku fakkret li l-Kunsill kellu talba simili mill-Iskola Sekondarja tal-Bniet tal-Ħandaq. Il-Kunsill approva *nem.con*.

**10/08 INFORMAZZJONI**

**10/08/01** **Il-Viċi-Sindku Jesmond Aquilina** informa lill-Kunsill li s-Sur Ġużè Cutayar kellu jikteb lill-Kunsill sabiex jistaqsi dwar jekk il-Kunsill iridx imexxi b'ġemellaġġ ma' Feyzin.

**10/08/02** **Il-Kunsillier Jason Busuttil** informa lill-Kunsill li kellu laqgħa mal-Manager ta' Gal Xlokk dwar il-possibilta' li jsir il-Karnival fuq skala nazzjonali ġewwa Ħal Qormi, liema fondi jinkisbu minn fondi ewropej. Il-Kunsill huwa xettiku dwar il-fatt li dan isir fuq sena waħda biss għaliex

imbagħad il-Kunsill ikollu jidħol għal dan il-proġett fis-snin sussegwenti fejn iżda ma jkunx jista' jwettaq minħabba limitazzjonijiet finanzjarji.

**10/09 AĠĠORNAMENT**

Kien maqbul li l-laqgħa li jmiss tinżamm nhar it-Tnejn 07 ta' Jannar 2013 fis-6:30 ta' fil-għaxija.

Il-laqgħa ntemmet fid-09:30 ta' fil-għaxija.

Rosianne Cutajar
Sindku

Kenneth Brincat
Segretarju Eżekuttiv

Minuti approvati llum ........................ ......... ta' ....................... 2012.
(Jum) (Data) (Xahar)